MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 861/2003

**Mobisle Communications Limited**

**Vs**

**Efrem Anthony Buttigieg**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm196.32c (mija u sitta u disghin lira Maltin u tnejn u tletin centezmu) rappresentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract Number 01980 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur bejn April 2002 u Ottubru 2002.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-28 ta' Frar 2003, dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma' l-Avviz, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa' kontumaci;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------